MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' April, 2012

Numru. 113/2005

Il-Pulizija
(Sp Ian Abdilla)
vs
Alexander Matic, iben Radovan, imwieled Zemun, Serbia fil-21 ta' Jannar, 1976, Karta ta' l-Identita numru 24412A

Il-Qorti,

Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, f'Settembru u Ottubru, 2004 u fix-xhur ta' wara b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
Approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna jew persuni oħra, minn makkinarju li jiswa Lm2,000 u somma ta' flus ta' Lm1,500 liema makkinarju u somma ta' flus kienet tappartjeni lis-soċjeta' N & A Graphics Company Limited u persuni oħra u li ġew fdati

lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depozitu neċessarju, taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd ta' flus jew li jsir użu minnhom speċifikat.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-10 ta' Ġunju, 2005 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija taħt dak li hemm maħsub: fl-artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Jannar, 2009 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Illi fil-ġurnata tat-13 ta' Diċembru, 2011 l-imputat instab mejjet.

Rat id-dokumenti ezebiti dwar il-mewt ta' l-imsemmi Alexander Matic.

Għaldaqstant, minħabba l-fatt li l-imputat miet waqt il-mori ta' din il-kawża tiddikjara l-proċediment estint.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------